**Riflessjoni:** Kristu b'din l-Aħħar Ikla kien qed iħabbar minn qabel il-mewt li kienet ġejja għalih. "Ġismi li jingħata" u "Demmi li jixxerred" juru l-aspett ta' sagrifiċċju li ser ikollha l-mewt imminenti tiegħu. Dan is-sagrifiċċju jissokta llum, f'kull quddiesa, u jkompli jiġġedded. Il-ġrajja tal-Kalvarju terġa' sseħħ fuq l-altar, imma bla tixrid ta' demm. L-Ewkaristija hi rigal u impenn. Il-Mulej jingħata lilna biex aħna mbagħad ningħataw lill-oħrajn.

**Talba:** O Marija, Mara tal-Ewkaristija, għallimna kif nieħdu sehem ħaj fis-sagrifiċċju tal-quddiesa bl-istess sentimenti li kellek int, meta ngħaqadt mas-sagrifiċċju ta' Ibnek fuq il-Kalvarju.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*

## It-2 Stazzjon: **Ġesù jitlob fil-Ġnien taż-Żebbuġ**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Vanġelu skont San Mattew** (26:36-38)
Imbagħad Ġesù flimkien mad-dixxipli tiegħu wasal f'qasam, jgħidulu l-Ġetsemani, u qal lid-dixxipli: "Oqogħdu bilqiegħda hawn sakemm immur hemmhekk nitlob". U ħa miegħu lil Pietru u ż-żewġ ulied ta' Żebedew, u beda jsewwed qalbu u jiddejjaq. Imbagħad qalilhom: "Għandi ruħi mnikkta għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru miegħi".

**Riflessjoni:** Din hi l-unika darba f'ħajtu li Ġesù fittex ftit faraġ mill-ħbieb. Imma dan il-faraġ ma sabux. Ġesù jġarrab is-solitudini. "Ġesù jibqa' agunija sal-aħħar tad-dinja", hekk qal il-kittieb reliġjuż Blaise Pascal (1623-1662). Ġesù għadu jġarrab is-solitudini f'tant anzjani u morda li jħossuhom weħidhom u minsijin. Quddiem il-pjaga tas-solitudini tal-anzjani, ġieli wrejt indifferenza?

**Talba:** O Marija, Faraġ tal-imnikktin, għallimna noffru ftit balzmu ta' faraġ lil min hu qalbu muġugħa.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*

## It-3 Stazzjon: **Ġesù ttradut minn Ġuda d-dixxiplu tiegħu**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Vanġelu skont San Mattew** (26:47-49)
Kif kien għadu jitkellem, ġie Ġuda, wieħed mit-Tnax, b'ġemgħa kbira ta' nies miegħu, armati bis-sjuf u l-bsaten, mibgħuta mill-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu. Issa dak li kien se jittradih kien tahom sinjal u qalilhom: "Lil dak li nbus, dak hu: aqbduh". U minnufih resaq fuq Ġesù u qallu: "Is-sliem għalik, Rabbi!". U biesu.

**Riflessjoni:** Ġuda nqeda bil-bewsa bħala mezz ta' tradiment. Il-bewsa tat-tradiment kienet l-ewwel ferita għall-Qalb divina ta' Ġesù. Ġesù għadu ttradut sal-ġurnata tal-lum… ittradut mill-ħbieb. Kemm tradimenti f'kull qasam tal-ħajja! Fl-Aħħar Ċena, xħin Kristu semma lid-dixxipli li xi ħadd ser jittradih, huma bdew jistaqsu: "Jaqaw jien?". Mulej, ħallini nistaqsik: "Jaqaw jien?". Kull bniedem jista' jkollu fuq xofftejh il-bewsa ta' Ġuda.

**Talba:** O Marija, xempju ta' fedeltà, nammetti d-dgħufija tiegħi. Għinni nisma' u ngħix il-kelma ta' Ibnek Ġesù: "Itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib" (Lq 22:40).

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*

## Ir-4 Stazzjon: **Ġesù kkundannat għall-mewt**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Vanġelu skont San Ġwann** (19:14-16)
Pilatu qal lil-Lhud: "Arawh is-sultan tagħkom!". Dawk infexxew jgħajtu: "Għall-mewt! Għall-mewt! Sallbu!". Pilatu qalilhom: "Jien se nsallab lis-sultan tagħkom?". Imma l-qassisin il-kbar weġbuh: "Aħna ma għandniex sultan ħlief lil Ċesari!". Fl-aħħar tahulhom f'idejhom biex isallbuh.

**Riflessjoni:** Il-folla tippreferi lil Barabba milli lil Kristu. U Pilatu jiffirma l-kundanna. Il-Ġust magħdud bħala kriminal! Kristu għadu jiġi kkundannat illum fil-miljuni ta' tfal ikkundannati għall-mewt bil-ġuħ, fl-eluf ta' eluf ta' Nsara kkundannati għall-ħabs jew għall-mewt, fl-eluf ta' trabi maqtula kuljum fil-ġuf. Fejn kienu l-ħbieb ta' Ġesù? Kollha ħarbu u staħbew. U llum qed nagħmlu l-istess: nagħlqu għajnejna quddiem min hu kkundannat għal ħajja ta' miżerja. Kemm kien jgħid tajjeb Dr Raoul Follerau, l-appostlu tal-lebbrużi: "Jekk int ma jimpurtakx minn ħuk, mur issieħeb ma' Kajjin"!

**Talba:** O Marija, Omm tal-innoċenti kkundannat, fehemni li meta niskot quddiem l-inġustizzja, bis-skiet tiegħi jien insir kompliċi.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*

## Il-5 Stazzjon: **Ġesù jiltaqa' ma' Ommu**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Ktieb tal-Lamentazzjonijiet** (2:13)
X'naqbad ngħid għalik? Ma' min ixebbhek, bint Ġerusalemm? Ma' min inqabblek, u kif nista' nfarrġek, xebba, bint Sijon? Għax kbira l-ġerħa daqs il-baħar, min jista' jfejqek?

**Riflessjoni:** Dejjem hemm qiegħda: l-Omm ħdejn Binha. Imxiet miegħu fl-istess triq tal-Kalvarju u qasmet miegħu fl-istess umiljazzjoni.Dan l-istazzjon jissokta llum f'tant ommijiet li għandhom uliedhom il-ħabs u



ddisprezzati mill-opinjoni pubblika, jew morda f'qiegħ ta' sodda… X'kuntrast bejni u bejn Marija! Kull fejn hemm xi tbatija, Marija turi tenerezza u jien nuri indifferenza.

**Talba:** O Marija, f'ġieħ il-ġerħa li ġarrabt f'qalbek xħin ilmaħt lil Ibnek f'dik is-sura u tħassartu, fejjaqni minn din il-marda kerha li jisimha "indifferenza".

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*

## Is-6 Stazzjon: **Ġesù jaqa' taħt is-Salib**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Vanġelu skont San Ġwann** (19:16-17)
Fl-aħħar [Pilatu] tahulhom f'idejhom biex isallbuh. U huma ħadu lil Ġesù. Ġesù rafa' s-salib u ħareġ lejn post imsejjaħ "il-Qorriegħa", bil-Lhudi Golgota.

**Riflessjoni:** Wara lejl torturi, spallejh ma felħux it-toqol tas-salib. Għaliex? Għax kien qed jerfa' t-tagħbija tad-dnubiet kollha taż-żminijiet kollha. Kemm bnedmin innoċenti sfaw vittmi tal-kefrija, tat-tortura, tal-vjolenza u tat-terroriżmu! San Pawl qalilna: "Erfgħu t-tagħbija ta' xulxin" (Gal 6:2). Imma jien kemm-il darba flok weżint lil ħija u oħti, ħrabt mir-responsabbiltà?

**Talba:** O Marija, Saħħa tad-dgħajfin, fehemni li meta jien nirrifjuta li ntaffi mit-tagħbija ta' ħija u oħti, inkun nirriskja li ħija jispiċċa mgħaffeġ taħt it-toqol tat-tbatija.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*

## Is-7 Stazzjon: **Ġesù jiltaqa' man-nisa ta' Ġerusalemm**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Vanġelu skont San Luqa** (23:27-28)
Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom.

**Riflessjoni:** In-nisa ta' Ġerusalemm, xħin raw lil Ġesù f'dik is-sura, tħassruh u bdew jibkuh. Kien dmugħ sinċier. Imma Ġesù jippreferi li l-ħarsa tagħna nitfgħuha mhux fuqu, iżda fuq il-proxxmu tagħna. Kemm vjolenza domestika! Kemm nisa abbużati, imsawta, sfruttati, ittraffikati u maqtula! Mhux biżżejjed inħossu ħniena għat-tbatija ta' Ġesù. Irridu naraw min qed ibati madwarna. Illum jeħtieġ li nuru solidarjetà miegħu u naqsmu t-tbatija ma' min qed ibati.

**Talba:** O Marija, agħmel li f'kull Omm naraw ix-xbieha tiegħek, u f'kull bniedem ix-xbieha ta' Kristu. Għallimna xi tfisser il-vera kompassjoni.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*

## It-8 Stazzjon: **Ġesù megħjun minn Xmun minn Ċirene**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Vanġelu skont San Mark** (15:21)
Kien għaddej wieħed, Xmun minn Ċireni, missier Xandru u Rufu, ġej lura mir-raba', u ġagħluh jerfagħlu s-salib.

**Riflessjoni:** Ħadd ma jieħu gost jerfa' s-salib. Fil-fatt, Xmun ġie mġiegħel jerfa' s-salib ta' Ġesù. Imma żgur li wara, Xmun ħassu xxurtjat li offra spalltu lil Ġesù u taffielu l-piż. Ġesù, fil-persuna tal-marid, tal-anzjan, tal-persuna b'diżabbiltà, għandu bżonn l-għajnuna tal-voluntiera tal-lum biex iweżnuh, kif jagħmlu l-voluntiera tad-Dar tal-Providenza, ta' Dar l-Arka, u ta' tant għaqdiet oħra li jgħinu lil dawn ħutna bi bżonnijiet speċjali Aħfirli, Mulej, ta' kemm-il darba farfart minn fuq spallejja, flok offrejthom biex ngħin.

**Talba:** O Marija, int dejjem għidt 'iva'. Bierek ix-xogħol tal-voluntiera. Daħħalli f'moħħi kliem Ibnek Ġesù: "Dak li tagħmlu mal-iżgħar fost dawn ħuti, tkunu għamiltuh miegħi" (Mt 25:40).

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*

## Id-9 Stazzjon: **Ġesù mneżża' minn ħwejġu**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Vanġelu skont San Mark** (15:22-24)
U [lil Ġesù] wassluh f'post jismu Golgota, li jfisser post il-Qorriegħa. Is-suldati qasmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti ħalli kull wieħed jieħu li jmissu.

**Riflessjoni:** Lil Ġesù kollox ħadulu: il-ħbieb, il-fama, ir-rispett tan-nies. Issa ħadulu wkoll l-aħħar protezzjoni: il-ħwejjeġ. Safa espost għaż-żebliħ u ż-żuffjett tas-suldati. Kemm bnedmin għadhom jisfaw bla dinjità, imneżżgħa mil-libertà, mill-unur, mid-dinjità umana! Ġieli neżżajna lill-bniedem mid-dinjità tiegħu, bit-tpaċpiċ fieragħ, bil-kalunnji u b'xi akkużi foloz?

**Talba:** O Marija, fehemni li kull persuna hi sagra għax hi tempju ta' Alla. Għalhekk kull

offiża kontra d-dinjità tal-bniedem hi sagrileġġ u profanazzjoni.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*

## L-10 Stazzjon: **Ġesù msammar mas-Salib**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Vanġelu skont San Mattew** (27:33-35)
Meta waslu f'post jgħidulu Golgota, jiġifieri post il-Qorriegħa, [lil Ġesù] tawh jixrob inbid b'taħlita morra; hu daqu, imma ma riedx jixorbu. Imbagħad sallbuh.

**Riflessjoni:** Hekk seħħet il-profezija tas-Salm: "Taqqbuli jdejja u riġlejja, nista' ngħodd għadmi kollu" (Salm 22:17-18). Dan hu l-mument li fih il-Ħaruf bla tebgħa jitħejja għall-qatla. Elfejn sena wara, tant popli tat-tielet dinja għadhom imsammrin mal-faqar, mal-ġuħ u mal-miżerja… Hemm id-dnubiet tal-egoiżmu tagħna li b'idejna ħtafna kollox. Hemm ukoll id-dnub tas-skiet u l-omertà tagħna, li ma konniex leħen għal dawk li ma għandhomx leħen!

**Talba:** O Marija, idejn Ibnek Ġesù huma msammrin, iżda baqgħu miftuħin għal kulħadd. Agħmel, o Marija, li jdejna jkunu miftuħin biex jagħtu u riġlejna ħfief biex jgħinu.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*

## Il-11-il Stazzjon: **Ġesù jmut fuq is-Salib**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Vanġelu skont San Mark** (33:34-37)
Xħin saret is-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa. U fid-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi: "Eloî, Eloî, lema sabaqtani!", li jfisser: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni!". U mar wieħed jiġri jxappap sponża bl-inbid qares, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob, filwaqt li qal: "Stennew, ħa naraw jiġix Elija jniżżlu!". Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu.

**Riflessjoni:** Minxur bejn sema u art taħt il-ħarsa mbikkija ta' Marija, Ġesù, il-vittma, ħa l-aħħar nifs. Waqt li hu tana l-ħajja, aħna l-bnedmin tajnieh il-mewt. Il-bniedem kemm ivvinta mezzi biex joqtol! Kemm ħajjiet maqtulin bil-balal, kemm ħajjiet maqtulin qabel jitwieldu! Kemm attentati kontra l-ħajja tal-bniedem! Kemm drabi jien ukoll ma ddefendejtx il-ħajja u ħallejt il-kultura tal-mewt tegħleb il-kultura tal-ħajja!

**Talba:** O Marija, ħajja, ħlewwa u tama tagħna, int li rajt b'għajnejk lil Ibnek jagħti l-aħħar nifs, għallimna kif nirrispettaw il-ħajja mill-ewwel mument tat-tnissil sal-punt tal-mewt naturali.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*

## It-12-il Stazzjon: **Ġesù mejjet imqiegħed fi ħdan Ommu**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Vanġelu skont San Luqa** (2:34-35)
Xmun qal lil ommu Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh, u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! – biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna".

**Riflessjoni:** Marija tatu l-ħajja; issa tarah fi ħdanha mejjet. Ratu ġej fid-dinja; issa ratu jħalli din id-dinja. X'baħar ta' niket għall-qalb ta' Ommu! Tant ommijiet ħdejn is-soddata'wliedhommordajewmejtaminnħabba l-gwerer, it-terremoti, jew inċidenti oħra. Niftakru fl-ommijiet tal-Ukrajna, tat-Turkija, tas-Sirja u ta' pajjiżi oħra mifnija bil-gwerer. Marija darbtejn kellha lil Ġesù f'ħoġorha: f'Betlehem hi tathulna ħaj, u fuq il-Kalvarju aħna tajnihulha mejjet. Min jaħti ta' dan kollu? Huma d-dnubiet tagħna kontra l-ħajja.

**Talba:** O Marija, nitolbuk għall-vittmi tal-vjolenza, għall-vittmi tal-ħruxija tal-gwerer, għall-vittmi tal-mibegħda. Nitolbuk għal ommijiethom: wennishom u farraġhom.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*



## It-13-il Stazzjon: **Ġesù midfun f'qabar ġdid**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Vanġelu skont San Mattew** (15:43-46)
Ġużeppi minn Arimatija… daħal quddiem Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù. Pilatu stagħġeb li kien ġa miet; bagħat għaċ-ċenturjun u staqsieh jekk kienx ilu li miet. Meta mbagħad sar jaf mingħand iċ-ċenturjun, ta l-ġisem ta' Ġesù lil Ġużeppi, u dan xtara liżar tal-għażel, niżżel lil Ġesù mis-salib, keffnu fil-liżar tal-għażel, u qiegħdu f'qabar imħaffer fil-blat; imbagħad gerbeb ġebla fid-daħla tal-qabar.

**Riflessjoni:** X'fadlilha tbati Marija? Baqgħalha dulur ieħor: li tara lil Binha jiġi midfun. Marija aċċettat dan id-dulur sabiex dawk kollha li jassistu għad-difna tal-għeżież tagħhom ikollhom f'min isibu faraġ u f'min jittamaw. Tant Insara ppersegwitati li sfaw midfunin fil-ħabsijiet jew maħtufin mit-terroristi, tant migranti li waqt li qed jissieltu għall-ħajja sabu ruħhom midfuna fl-ibħra li jdawruna, tant bnedmin minsijin minn kulħadd tant li jħossuhom "midfunin" ħajjin. Tgħid ġieli jiena "dfint" lill-Mulej billi ħbejtu u sħajt nistqarru! Tgħid ġieli dfinna l-messaġġ tal-Vanġelu, billi ħbejnieh u għamilna kompromessi mad-dinja?

**Talba:** Wara d-difna ta' Ġesù, int biss, o Marija, bqajt il-Mara tal-fidi u t-tama. Dan ma kienx it-tmiem, iżda l-bidu. Għinna biex nifhmu li ma hemmx Salib mingħajr Glorja.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*

## L-14-il Stazzjon: **Ġesù Rebbieħ fuq il-mewt**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Vanġelu skont San Mark** (16:1-6)
Meta għadda s-Sibt, Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu u Salomi xtraw xi fwejjaħ biex imorru jidilkuh bihom. U kmieni ħafna fl-ewwel jum tal-ġimgħa, kif telgħet ix-xemx marru ħdejn il-qabar. U bdew jgħidu lil xulxin: "Min ser igerbilna l-ġebla mid-daħla tal-qabar?". Iżda meta ħarsu, raw li l-ġebla kienet imressqa fil-ġenb; kienet ġebla kbira ħafna. Daħlu fil-qabar, u raw żagħżugħ bilqiegħda n-naħa tal-lemin, liebes libsa bajda; u nħasdu. Imma hu qalilhom: "Xejn la tinħasdu. Qegħdin tfittxu lil Ġesù ta' Nazaret li kien imsallab; qam mill-mewt, mhuwiex hawn".

**Riflessjoni:** F'Ħadd il-Għid fuq l-oqbra dejjem issib l-istess kliem: "Hawn jinsab it-tali…". Qabar wieħed kien hemm fejn instama' l-kliem: "Mhuwiex hawn!"… il-Qabar ta' Kristu. Mela fejn hu? "Qam, kif kien qal!". Kristu qam rebbieħ fuq il-mewt. L-Għid mhux biss miraklu tal-imgħoddi, imma hu wegħda u garanzija għal-lum u għall-ġejjieni. Dan hu l-messaġġ ta' tama. Mhux il-mewt għandha l-aħħar kelma, iżda l-ħajja! Il-ħażen mhu ser jirbaħ qatt aktar! L-Għid hu mogħdija. Mela jimpenjana biex aħna ngħaddu mill-mewt tad-dnub għall-ħajja tal-grazzja.

**Talba:** Imqaddsa Marija, Omm Kristu Rxoxt, urina li, la rebaħ Kristu, nirbħu anħna miegħu, la qam Kristu, miegħu nqumu aħna wkoll.

*Missierna, Sliema u Glorja.*

*Imbierka l-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù…*

## Talb ta' Għeluq

O Alla, meta Ibnek intrefa' fuq is-salib,
int ridt li Ommu tieqaf ħdejh u tbati miegħu;
agħti lill-Knisja tiegħek
li tissieħeb mal-Verġni Marija
fil-passjoni ta' Kristu,
biex flimkien magħha tieħu sehem ukoll
fil-qawmien tal-istess Ibnek Ġesù Kristu Sidna,
li hu Alla, u miegħek jgħix u jsaltan
flimkien mal-Ispirtu s-Santu
għal dejjem ta' dejjem.
Ammen.

# Il-Passjoni ta' Kristu llum



imħejjija minn
**Mons. Carmelo Mercieca**

*VIA SAGRA DJOĊESANA fuq l-Għolja ta' Għammar*
nhar il-Ħadd
26 ta' Marzu 2023

## Daħla

**Ċel:** Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
Pop: *Ammen.*
**Ċel:** Il-Paċi magħkom.
Pop: *U miegħek ukoll.*

Ħuti, f'din is-sena ddedikata lill-Kelma ta' Alla fid-Djoċesi tagħna, inġbarna flimkien biex nimmeditaw il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu fid-dawl tal-Vanġelu.

Nistedinkom biex inżommu f'qalbna dawn il-ħames sentimenti f'din il-mixja tagħna wara l-Mulej li qed jerfa' s-Salib:

1. Nisimgħu silta mill-Vanġelu.
2. Nirriflettu x'ġara dakinhar tal-Passjoni.
3. Nifhmu li l-Passjoni għadha sejra llum, fejn f'kull bniedem innoċenti li qed ibati huwa Kristu stess li qed ibati.
4. Inħossu r-responsabbiltà tagħna. Il-qaddis Papa Pawlu VI, meta tela' fuq l-għolja tal-Kalvarju, qal: "Ġejna hawn kif jiġu l-ħatjin fuq il-post tad-delitt". B'xi mod aħna responsabbli għal dak li ġara u għadu jiġri llum.
5. Nitolbu lil Marija Addolorata li mill-ġdid qed timxi magħna t-triq tas-Salib

## L-1 Stazzjon: **L-Aħħar Ikla mad-Dixxipli**

*Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk…*

**Qari mill-Vanġelu skont San Mattew** (26:26-28)
Huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newlu lid-dixxipli u qal: "Ħudu, kulu, dan hu ġismi". Imbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newlilhom il-kalċi u qal: "Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet".